MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar 2025

Appell Inferjuri Numru 40/2024 LM

**Jan Kryzt Pestelos**
**(Detentur tal-Permess ta' Residenza bin-Numru 0192858A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Aġenzija Identità Malta**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Jan Kryzt Pestelos (Detentur tal-Permess ta' Residenza bin-Numru 0192858(A))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l

quddiem 'il-Bord'] fil-konfront tal-appellata **l-Aġenzija Identità Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Aġenzija appellata'], fejn ċaħad l-appell tiegħu.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-appell odjern huma l-applikazzjoni tal-appellant tal-21 ta' Frar, 2023 għall-permess uniku, ippreżentata lill-Aġenzija appellata fil-21 ta' Frar, 2023, taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u li kienet ġiet irrifjutata mill-imsemmija Aġenzija appellata fil-21 ta' April, 2023, għar-raġuni li huwa kien qiegħed jirrisjedi f'Malta b'mod illegali.

**Mertu**

3. L-appellant appella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata quddiem il-Bord fis-27 ta' Mejju, 2024, fejn talab għat-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, sabiex b'hekk huwa jkun jista' jippreżenta mill-ġdid applikazzjoni għall-permess ta' residenza f'Malta.

4. L-Aġenzija appellata wieġbet fis-7 ta' Marzu, 2024, fejn filwaqt li eċċepiet in-nullità tal-appell stante l-preżentata tardiva, sostniet li fil-mertu d-deċiżjoni tagħha għandha tiġi kkonfermata.

**Id-deċiżjoni appellata**

5. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“2.**<u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **<u>Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et</u>** (decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board notes the following documents in the appellant’s file:*

- *Identità’s refusal letter;*
- *The application form and letter of appeal;*
- *The Board’s registered receipt of the appeal;*
- *Emailed correspondence;*
- *Residence Permit receipt of payment;*
- *Contract of employment;*
- *Tax documents;*
- *JobsPlus Employment History document;*
- *Identità’s reply.*

*The Board declares this appeal as* ‘fuori termine’, *since it has been filed beyond the time period established by law during which one may appeal against the said decision. Therefore, the Board will not go into the merits of this case, but refers to the following Court Judgement:*

***Carla Maria Parodi Iribarren vs The Director of Citizenship and Expatriates Affairs**, delivered by Judge Lawrence Mintoff on 26th November 2021. The Court of Appeal held that:*

“Is-subartiklu in kwistjoni jagħmilha ċara illi t-terminu tal-appell ta’ tlett ijiem għandu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni stess”.

*The same was reaffired in the judgement **Dhalak Prakash vs The Director of Citizenship and Expatriates Affairs,** delivered by Judge Lawrence Mintoff on 16 May 2022.*

*Sub-Article 25A (7 of Chapter 217) holds that:*

"Any appeal has to be filed in the Registry of the Board within three working days from the Decision, subject to appeal"."

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħed jitlob sabiex jogħġobha:

*"...tilqa' l-aggravji tal-Appellant, u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni Aġenzija Appellata datata 21 ta' April 2023, kif ukoll tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni datata 8 ta' Mejju 2024, u dan sabiex l-Appellant ikun jista' jitħalla jintavola applikazzjoni ġdida għall-permess ta' residenza ġewwa Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Aġenzija Appellata."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) il-Bord m'għamilx apprezzament tajjeb tal-provi; (b) l-eżistenza ta' nuqqasijiet amministrattivi li għamluh vulnerabbli; u (ċ) nuqqas ta' interpretazzjoni korretta min-naħa tal-Bord tal-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità u l-element uman.

7. L-Aġenzija appellata wieġbet fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn fl-ewwel lok issottomettiet li l-appell odjern huwa null u inammissibbbli, stante li skont is-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' liġi *'rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III'.* Dwar il-mertu tal-appell, l-Aġenzija appellata qiegħda tikkontendi li d-deċiżjoni appellata hija ġusta, u għalhekk timmerita li tiġi kkonfermata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tikkunsidra qabel xejn kwistjoni ta' natura preliminari li qiegħda tiġi ssollevata mill-Aġenzija appellata, fejn qiegħda tinsisti li l-appell odjern huwa null u inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Tispjega li skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, appell minn deċiżjoni tal-Bord jista' jsir biss fuq punt ta' dritt *"rigward deċiżjonijiet li jkunu jolqtu persuni bħal dawk imsemmija fit-Taqsima III",* u tinsisti li l-appellant mhux wieħed minn dawk il-persuni li huma ndikati taħt dik it-Taqsima għaliex huwa mhuwiex ċittadin ta' Stat Membru, u lanqas ma jinstab leġittimament fit-territorju ta' xi Stat li huwa marbut bi Ftehim dwar Fruntiera. Dan jgħid huwa skont kif esprimiet ruħha din il-Qorti fid-diversi sentenzi tagħha, li huwa jgħaddi sabiex jagħmel riferiment għalihom, u jiċċita diversi siltiet minnhom in sostenn tal-argument tiegħu.

9. Il-Qorti tikkunsidra li fil-każ odjern, l-appellant kien jaħdem mas-soċjetà Golden Care Malta Limited bħala *kitchen server,* u kien jirrisjedi hawn Malta taħt permess uniku li kellu perijodu ta' validità bejn it-12 ta' Ottubru, 2021 u l-21 ta' Ottubru, 2022. Imma ftit ġimgħat qabel ma skada l-permess, huwa ġie nfurmat mill-prinċipal tiegħu li dan ma kienx ser jiġġedded, għaliex l-impjieg tiegħu kien ser jiġi tterminat. B'hekk l-appellant mill-ewwel beda jfittex impjieg ieħor u filfatt fit-3 ta' Novembru, 2022, huwa ffirma kuntratt tax-xogħol mas-soċjetà National Lottery p.l.c. għall-perijodu definit ta' sena[1], u beda jaħdem mill-ewwel skont kif jirriżulta mill-*pay slip,* li kopja tagħha tinstab esebita bħala 'Dok. C' *a fol.* 15 tal-atti tal-Bord. Skont l-appellant huwa mill-ewwel mela l-formola neċessarja sabiex

[1] Ara kopja *a fol.* 22 tal-atti tal-Bord.

jiġi reġistrat il-prinċipal il-ġdid tiegħu, iżda kellu jistenna lil Golden Care Limited tissottometti l-formola ta' terminazzjoni tal-impjieg, kif jirriżulta mit-*time-line* tal-applikazzjoni li huwa ssottometta fil-21 ta' Frar, 2023.[2]

10. Il-Qorti tgħid li huwa tassew minnu li meta skada l-ewwel permess uniku, l-appellat ma setax jiġi aktar ikkunsidrat bħala residenti b'mod leġittimu f'Malta. Iżda l-Qorti tagħraf ukoll li l-appellant sab diversi diffikultajiet sabiex jikseb l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, neċessarja għall-preżentata tal-applikazzjoni sabiex tiġi kkunsidrata l-bidla fl-impjieg, u liema ittra kellha ssir mill-prinċipal passat tiegħu. Hija ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-ispjegazzjoni li ta l-konsulent legali tiegħu lill-Bord permezz tal-appell intavolat fis-27 ta' April, 2023[3] dwar iċ-ċirkostanzi tal-appellant, u anki l-ispjegazzjoni tal-prinċipal attwali tiegħu kif imfissra fl-*email* tas-26 ta' April, 2023, għad-data differenti ta' impjieg kif indikata fl-applikazzjoni u fil-kuntratt ta' impjieg.[4]

11. Għalhekk, il-Qorti tagħraf li ma jistax jingħad li d-dewmien fil-preżentata sħiħa tal-applikazzjoni tal-appellant sabiex jiġi kkunsidrat u reġistrat l-impjieg il-ġdid tal-appellant, kien riżultat ta' xi negliġenza, azzjoni jew inazzjoni min-naħa tiegħu.

12. Il-Qorti filwaqt li tagħmel riferiment għall-para. (5) tal-preambolu tad-Direttiva 2011/98/UE, li jirrikjedi li l-Istat Membru għandu jiggarantixxi proċedura trasparenti u ġusta lill-applikant, tgħid li l-liġi ma tistax tiġi applikata bil-mod inġust kif qiegħda tippretendi l-Aġenzija appellata, u anki jekk tieħu in konsiderazzjoni li din tagħti żmien għaxart ijiem wara l-iskadenza ta' permess

---

[2] Ara rispettivament 'Dok. C', u anki 'Dok. D' li huwa esebit *a fol.* 10 tal-atti tal-Bord.
[3] *A fol.* 25.
[4] *A fol.* 3 tal-atti tal-Bord.

sabiex il-persuna tirregola ruħha[5], liema perijodu l-Qorti tikkunsidra li huwa wisq qasir għal dan il-għan.

13. Għalhekk il-Qorti tgħid li l-liġi ma tistax tiġi applikata bil-mod inġust kif qiegħda tippretendi l-Aġenzija appellata, fejn saħansitra l-pożizzjoni illegali tal-applikant, tkun riżultat tal-prinċipal tiegħu stess, li ma tahx id-debita opportunità sabiex jassigura li huwa ma jasalx f'din il-pożizzjoni estrema, u li saħansitra anki sussegwentement naqas mill-obbligu tiegħu lejn l-impjegat li joħroġ ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg, b'konsegwenzi li jxekklu fil-libertà tal-moviment u tax-xogħol tiegħu, iżda wkoll b'impatt konsiderevoli fuq il-finanzi tiegħu.

14. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-Aġenzija appellata hija ġustifikata meta tissolleva n-nullità tal-appell odjern *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217. Il-Qorti għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Il-Bord m'għamilx apprezzament korrett tal-provi]*

15. L-appellant permezz tal-ewwel aggravju tiegħu qiegħed jikkontendi li l-Bord m'għamilx apprezzament korrett tal-provi li tressqu quddiemu. Huwa jirrileva li fid-deċiżjoni tiegħu, l-Bord kien indika dati ħżiena fid-deċiżjoni appellata, u jgħaddi wkoll sabiex jispjega r-raġuni li waslitu sabiex intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord wara t-tliet ijiem permessi, skont kif indikat fl-ittra ta' rifjut tal-applikazzjoni tiegħu. Imma kif sewwa tirrileva l-Aġenzija appellata, f'dan kollu l-appellant mhuwiex qiegħed iqajjem xi punt ta' liġi li għandu jiġi deċiż

[5] Ara r-risposta tal-Aġenzija appellanta quddiem il-Bord.

minn din il-Qorti kif jitolbu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidrah.

*It-Tieni aggravju:* *[L-eżistenza ta' nuqqasijiet amministrattivi li jagħmlu lill-appellant vulnerabbli]*

16. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li kien tqiegħed f'pożizzjoni irregolari għaliex l-ewwel prinċipal tiegħu ma kienx issottometta lil JobsPlus l-informazzjoni tajba dwar meta beda jaħdem miegħu, u anki meta ġie tterminat l-impjieg tiegħu. Filwaqt li jiċċita dak li qal il-Bord fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Ayesha Shaukat *vs.* Identity Malta** tal-1 ta' April, 2022, l-appellant isostni li għalhekk huwa safa vittma ta' ċirkostanzi tekniċi u burokratiċi li ma kienux fil-kontroll tiegħu. Jirrileva li dan saħansitra jikkostitwixxi ċirku viċjuż li fih tinqabad persuna ġejja minn pajjiż terz. Jgħid li huwa ilu hawn Malta mill-2018, u qatt ma ttenta jqarraq bl-awtoritajiet.

17. Imma hawnhekk ukoll il-Qorti tikkunsidra li l-appellant mhux qiegħed iqajjem l-ebda punt ta' liġi fl-argument tiegħu, u għalhekk mhijiex ser tikkunsidra ulterjorment l-aggravju tiegħu.

*It-Tielet Aggravju:* *[Il-Bord ma kkunsidrax tajjeb il-prinċipji ta' raġonevolezza, proporzjonalità, u l-element uman]*

18. L-aħħar aggravju tal-appellant jirrigwarda l-mod kif mexa l-Bord fil-konfront tiegħu. Huwa jippretendi li dan kellu jwarrab il-fatt li l-appell tiegħu kien wieħed *fuori termine,* u minflok jikkunsidra l-każ tiegħu billi jaddotta r-raġonevolezza, il-proporzjonalità u l-element uman. Jikkontendi li d-deċiżjoni

appellata mhijiex waħda proporzjonata fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, u dan fejn il-Qorti diversi drabi rriteniet li l-entitajiet għandhom ikunu raġonevoli fid-deċiżjonijiet tagħhom li jolqtu persuni vulnerabbli ġejjin minn pajjiżi terzi, li qegħdin jittentaw isibu ħajja aħjar f'Malta.

19. Min-naħa tagħha l-Aġenzija appellata tikkontendi li t-termini li fihom għandhom jiġu ppreżentati l-atti ġudizzjarji, huma ta' ordni pubbliku, u għandhom jiġu mħarsa *ad unguem* kif ippronunzjat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet **Lijin Matthews *vs.* Identity Malta Agency**, Appell Inferjuri numru 10/2023.

20. Il-Qorti tikkunsidra għal darb'oħra li t-terminu li fih għandu jiġi ppreżentat appell taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 25A(8) tal-Kap. 217 huwa wieħed perentorju, u anki ta' ordni pubbliku. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova tajba li setgħet tiġġustifika l-appell tardiv tal-appellant, il-Bord kien korrett meta ddikjara l-appell tiegħu *fuori termine,* u dan fejn huwa ma kellu l-ebda awtorità skont il-liġi li jimxi mod ieħor.

21. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ aggravji tal-appellant, tiċħad l-aħħar aggravju tiegħu, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-preżenti proċedura għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**